# Kuntatt

## mal-iskola t'ibnek



OTTUBRU - DIĊEMBRU 2009

## MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA

### Elezzjonijiet għall-Kunsill Skolastiku tal-Istudenti

Nixtieq nawgura lil dawk il-kandidati kollha li qed jipparteċipaw fl-elezzjonijiet għall-Kunsill Skolastiku tal-Istudenti. Ikolli ngħid li qed jeħduha bis-serjeta` u qed jagħmlu użu minn dak kollu li jafu sabiex imexxu l-kandidatura taghhom. L-użu tal-kompjuter qed iġieghel lill-kandidati joħolqu posters li jitqassmu minn kanvassers tagħhom. Barra minn hekk il-kandidati kollha qed jingħataw l-opportunita li jkellmu lill-istudenti shabhom f'kull *assembly,* ħalli jkollhom iċ-ċans iwasslu l-messaġġi tagħhom.

Minn dis-sena skolastika qed ikollna *assembly* għall-istudenti kollha kull nhar ta` Tnejn u fil-ġranet l-oħra jkollna *assembly* għal kull Form. L-*assembly* għal kulħadd tkun immexxija mill-kap tal-iskola filwaqt li l-oħrajn ikunu mmexxija mill-assistent kap inkarigat mill-Form. F'dawn il-ġranet waqt li Form waħda jkollha l-*assembly*, l-istudenti l-oħra jkollhom Form Time. B'dan il-mod il-Form Teacher jkollu ċ-ċans li jsir jaf aktar lill-istudenti tiegħu.

Wara kull brejk qed ikollna *Settling Down Assembly* fejn l-istudenti ta' kull Form jinġabru fil-bitħa tagħhom qabel jitilgħu fil-klassi mal-għalliema tagħhom. Il-Form 1 u Form 2 jinġabru fil-*basketball court,* il-Form 3 u Form 4 fid-*dismissal area* u l-Form 5 fejn il-grawnd. L-għan ta` dawn l-*assemblies* hu biex l-istudenti jikkalmaw wara l-brejk ħalli jkunu aktar issetiljati għal-lezzjonijiet.

*...ikompli paġna 2*



**Kulleġġ San Benedittu, Sekondarja Subien**
*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*
☎ 21642427 🖷 21642423
✉ sanbenedittu.bco@gov.mt
http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

## ILTQAJNA U TKELLIMNA MAGHKOM…ISSA XI JMISS?

Is-sajf gie u mar u wara jiem shah ta' mistrieh, divertiment u tgawdija, ergajna lura lejn l-iskola ghal sena skolastika ohra. Madankollu matul ix-xhur tas-sajf il-hidma fl-iskola ma tiqafx, anzi tibqa' ghaddejja b'certu ritmu sabiex meta jasal Settembru u tibda s-sena skolastika li jmiss, kollox ikun lest biex is-sena tibda bl-inqas problemi possibbli.

Bhala parti mill-preparazzjoni ghas-sena skolastika li qeghdin fiha, matul Awwissu u Settembru saru diversi laqghat ghall-genituri kollha tal-istudenti li jattendu fl-iskola. Bi pjacir nghidu li kienu bosta l-genituri li attendew ghal dawn il-laqghat u dan juri l-impenn taghkom ilkoll ghall-gid ta' uliedkom. F'dawn il-laqghat tkellimna dwar dak li kien qed jigi mhejji, tibdiliet li kienu se jsiru u ddiskutejna problemi u nuqqasijiet li kienu jinhassu kemm min-naha tal-amministrazzjoni tal-iskola kif ukoll mill-genituri. Dawn il-laqghat servew ta' djalogu importanti bejnietna lkoll li ghandna interess genwin fl-istudenti taghna ghax irridu narawhom dejjem jimxu aktar 'l quddiem biex jilhqu l-potenzjali taghhom. L-amministrazzjoni tal-iskola temmen hafna fil-komunikazzjoni bejn l-iskola u d-dar sabiex id-diffikultajiet u differenzi li jistghu jinholqu jigu meghluba kemm jista' jkun malajr. Dejjem inheggu lill-genituri jitkellmu maghna direttament meta jhossu li xi haga mhix sejra kif suppost.

Wara l-laqghat taghna fis-sajf, issa jmiss il-Lejla tal-Genituri li se ssir fl-iskola nhar il-Gimgha 11 ta' Dicembru. Ghalhekk minn hawn inheggu lill-genituri kollha sabiex ihallu din is-serata libera halli jkunu jistghu jigu l-iskola u flimkien mal-ghalliema jiddiskutu l-progress tat-tifel taghhom. Nawguraw li minn din is-serata johrog hafna gid li minnu jgawdu l-istudenti taghna lkoll.

*...ikompli paġna 1*

Il-kandidati qed jingħataw iċ-ċans tagħhom biex jipproponu l-progetti tagħhom u jippromovu lilhom infushom propju f`dawn l-*assemblies* li għadni kif ktibt fuqhom. L-elezzjoni qed tittiehed bis-serjeta` u l-kandidati qed ikunu preparati ħafna fid-diskorsi tagħhom. Issa l-ghazla finali ser tkun f'idejn l-istudenti permezz tal-voti tagħhom.

Is-Sur R Portelli

**Bord Editorjali:**

| | |
|---|---|
| Assistent Kap: | *C Pisani Grixti* |
| Disinn: | *A Galea* |
| Issettjar: | *A Zammit u A Galea* |
| Qari tal-Provi: | *L Deguara u W Incorvaja* |